**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 21/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 06/08/'09** **250**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 06/08/'09** **304**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30 p.m.

1.03 Preżenti: seba' membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Kien hemm preżenti l-Accountant Louis Padovani.

1.05 Kien hemm preżenti membru tal-pubbliku (1).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-3 ta' Awwissu 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Management Letter
4. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheet

## 1.3 Approvazzjoni tal-Minuti

1.3.01 Il-Kunsill gie nfurmat illi l-Minuti tal-laqgħa preċedenti li saret fit-30 ta' Lulju 2009 ser jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

1.3.02 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

**Rif. Nru** **Korrispondenza**

3451 Kwotazzjoni mingħand l-Ozosystem rigward tindif tal-promenade.

3493 Ittra mingħand is-Seġretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward *European Commission Meeting.*

3494 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward *Cricket Opportunity*.

3514 Rapport tal-Pulizija mingħand is-Sur Charles Sciberras rigward inċident fi Triq B'Kara.

3520&K764 Ittra mingħand Ms Francesca Battisti, AICCRE, rigward Bank Transfer b'konnessjoni mal-Move Together Poster Exhibition u s-Subcontracting Agreement li gie ffirmat mill-Kunsill.

3538 Memo 46/2009 dwar ftuħ tal-Kunsilli nhar ta' Sibt.

3566&3581 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex

**Fost l-ittri li nqraw gew diskussi:-**

Rif. Nru. 3451

2.02 Il-Kunsill ma aċċettax il-kwotazzjoni ta' l-Ozosystem rigward tindif tal-promenade.

2.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fil-5.40 pm filwaqt li l-Vici Sindku Karl Gouder wasal fil-5.45pm

2.04 Gie deċiż unanimament li s-Sur Charles Sciberras (In-nemusa) jingħata 699 euro sabiex kuljum, mis-7 ta' Awwissu 2009 sas-7 ta' Settembru 2009 wara l-5.00pm, jiknes il-promenade fuq iż-żewg naħat tat-triq minn ħdejn il-Barraduca fi Triq il-Kbira sa ħdejn id-Dick's Bar fi Triq San Ġorġ;

Rif. Nru. 3493

2.05 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward quiz li ser issir rigward l-Unjoni Ewropea ġie deċiż unanimament illi jattendi l-Vici Sindku Karl Gouder.

Rif. Nru. 3514

2.06 B'riferenża ghat-talba tas-Sur Charles Sciberras rigward inċident fi Triq B'Kara ġie deċiż unanimament illi jitħallas l-ammont ta' 186.06.

Rif. Nru. 3538

2.07 B'riferenza għall-Memo 46/2009 dwar ftuħ tal-Kunsilli nhar ta' Sibt ġie deċiż unanimament illi d-Dipartiment jigi nfurmat illi l-impjegati tal-Kunsill ma aċċettawx li jidħlu nhar ta' Sibt. Ghalhekk il-Kunsill qed jitlob l-awtorizzazzjoni mill-ETC sabiex il-Kunsill ikun jista' jimpjega persuna jew tnejn fuq bażi part-time. Il-Kunsill jistaqsi wkoll jekk il-persuni li ser jintgħażlu humiex ser jingħataw taħriġ mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali u jekk il-Kunsill huwiex ser jingħata fondi biex jitħallsu dawn l-impjegati?

Rif. Nru. 3566 & 3581

2.08 B'riferenza għal-laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex ġie deċiż unanimament li ser jattendu l-Kunsillieri Irene Borg u Richard Scicluna.

## 3 Management Letter

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Management Letter u l-azzjoni li ser tittieħed fuqha permezz ta' ittra Rif. K804/62&200-08/09 (Ara Appendici 'A').

3.02 L-Accountant is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni fid-dettal. Hawnhekk Is-Segretarju Ezekuttiv ġibdet l-attenzjoni illi skond il-management letter hemm ċerti nuqqasijiet fl-użu tas-Sage minħabba li ma gewx osservati r-regolamenti finanzjarji. Għalhekk gibdet l-attenzjoni tas-Sur Padovani li għandu jirregola dawn in-nuqqasijiet.

3.03 Iċ-Chairman Peter Bonello rringrazzja lill-Accountant s-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Ezekuttiv Helen Walker għan-nom tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom.

3.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tar-risposta għall-Management Letter.

3.05 Il-Kunsillier Karl Gouder ssekondah.

3.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

4.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B’).

4.02 Il-Kunsill ġie ppreżentat b’kont mingħand l-ALM ta’ 37.76 euro li jkopri t-trasport ta’ ħarġa ‘self funding’ li għamlet il-Kunsilliera Irene Borg.

4.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni li dan jitħallas.

4.04 Il-Kunsillier Ronald Agius ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

4.05 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

4.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2696 sa 2697 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2696 sa 2697.

5.03 l-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi materji oħra.

5.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**6 Materji Oħra**

6.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bil-programm ta' Ġieħ San Ġiljan li ser issir fis-16 ta' Awwissu 2009.

6.02 Saret riferenza għall-Bye Laws, K.L.B.L. 52/2/2006, dwar Reklamar fuq Għamara tat-Toroq u ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Edgar Montanaro jieħu ħsieb li ssir emenda sabiex ma jinħargux permessi għal *Sandwich Boards.*

6.03 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-7.05pm

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |